MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 450/2012

Il-Pulizija

(Spettur Priscilla Caruana)

vs

**Joseph Magro**

iben Grazio, imwieled Tarxien, fis-7 ta’ Dicembru, 1956, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 11057(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Magro quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-28/04/2011 ghal habta ta’ 00.20 Hrs , bhala persuna licenzjata biex izomm il-hanut bl-isem Casablanca Bar & Restaurant, Triq Zaren Dalli, B’Bugia:

1) Talli haddimt jew ippermettejt min ihaddem amplifikatur, gramafon jew loudspeaker, ghamilt inkella gieghelt jew hallejt li jsiru hsejjes daqshekkk qawwija li jinstemghu min barra u li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqghodu f’bini fil-qrib.
2) Talli fil-hinijiet imsemmija daqqejt jew ippermettejt li tindaqq muzika amplifikata wara l-11 ta bil-lejl meta ma kontx licenzjat sabiex taghmel dan min Awtorita kompetenti.

3) Talli fl-istess data, lok u hin u fil-14:30Hrs ippermettejt lill Catherine Magro biex taghmilha ta' substitute fl-imsemmi hanut minghajr ma kienet licenjata minn Awtorita' Kompetenti.
4) Talli meta kellek licenzji mahrugin f'ismek inqast li thares xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 409 jew xi kondizzjonijiet, restrizzjonijiet u limitazzjonijiet ohra li ghalija tkun suggetta il-licenzja.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Settembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-Avviz Legali 1/2006, Regolament 38(2)(c), Taqsima 3, Taqsima 4, Regolament2(a)(b), Taqsima 2, Regolament 2 u 5 u l-Artikolu 43(b) tal-Kapitolu 409, ikkundannatu 1165 Euro multa komplessiva.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Magro tat-2 ta' Ottubru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D tas-27 ta' Settembru, 2012 billi *tirrevokaha* in kwantu sabitu hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontrih u konsegwentement *tilliberah* minn kull piena u htija skont il-ligi, u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti, joghgobha *tikkonferma* s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

(1) Illi l-Ewwel Qorti sabiex waslet ghad-decizjoni taghha, strahet wisq fuq il-verzjoni hekk kif moghtija mill-ufficjali tal-Pulizija, bil-konsegwenza li l-appellant gie konsidrat bhala persuna li ma tosservax l-obbligi taghha, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Illi l-esponenti jissottometti li huwa minnu li nhar it-28 ta' April, 2011 waqt li l-hanut licenzjat f'ismu kien miftuh, kien hemm xi hsejjes izda, madanakollu jichad kategorikament illi tali hsejjes f'dak il-hin kienu in linea mal-akkuzi premessi. F'dawn is-snin din kienet l-ewwel darba li l-akkuzat gie mharrek fuq tali akkuzi, u ta' min jinnota li l-Pulizija marru fuq il-post minnhabba telefonata **anonima**.

Illi jista' jaghti l-kaz li dak inhar ta' l-allegat reat, xi hadd li kien fl-istabbiliment halla l-bieb tal-hanut miftuh, bil-konsegwenza li allura il-hsejjes li kien hemm gewwa l-hanut setghu

jinstemghu aktar, madanakollu certament illi kieku l-bieb kien maghluq, kif is-soltu jkun, l-imsemmija hsejjes ma kinux jinstemghu, u ghaldaqstant ma jistghux jigu kwalifikati bhala hsejjes qawwija u hafna storbju.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti bhal qisha ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt illi l-informazzjoni lill-Pulizija waslet permezz ta' zewg telefonati anonimi, u dan hekk kif stqarr PS1434 fix-xhieda tieghu meta qal li:

*Nhar it-28 ta' April, 2011 waqt li kont xoghol l-Ghassa ta' B'Bugia rcivejna zewg telefonati anonimi*

Illi sfortunament fil-kultura taghha, l-idea ta' telefonati anonimi biex wiehed jaghmel hsara lill-haddiehor ghall-ragunijiet li tkun tafhom il-persuna li taghmel tali telefonati, saret xi haga komuni u regolari, u ghaldaqstant m'ghandiex tigi eskluza l-probabilita' li fil-kaz odjern gara l-istess.

Illi dan qieghed jinghad fid-dawl ta' zewg konsiderazzjonijiet u ossia li (a) kif diga' qal l-esponenti fil-hin imsemmi l-volum tas-*sound* kien baxx, tant li bil-bieb maghluq certament li ma kienx jinstema', kif ukoll il-fatt li (b) **hija kumbinazzjoni li fl-istess lejl jidhlu zewg telefonati rigward il-bar tieghu, u t-tnejn li huma jkunu anonimi?**

Inoltre, l-esponenti jissottometti li meta l-Pulizija accedew fuq il-post l-ewwel darba, kelmu direttament lilu, stante li kien prezenti u ghaldaqstant la huwa kien hemm fil-hin in kwistjoni, kien huwa l-persuna li tahtha kienet taqa' ir-responsabilita' tal-post. Dan premess ma kienx hemm lok ghall-substitute dan il-hin. Illi jekk x'hin dahlu l-Pulizija sabu hemm lil Catherine Magro, dan bl-ebda mod ma jfisser illi hija b'xi mod kienet qed tagixxi ta' *substitute*.

Illi l-imsemmija Catherine Magro hija bint l-esponenti, u huwa normalissimu li familjari ta' persuni nkarigati minn *bars* u *restaurants* jiffrekwentaw b'mod regolari u jkunu prezenti fl-istess postijiet.

Illi ghaldaqstant il-fatt illi Catherine Magro kienet tinsab fil-post in kwistjoni, anke stess jekk kienet wara l-bar, bl-ebda mod ma jfisser illi bdiet taghmilha ta' *substitute,* u li kellu jkollha

l-licenzja ta' *substitute* la darba missierha kien hemm, tant li l-istess Pulzija tkellmu ma' Joseph Magro.

Illi meta l-Ufficjali tal-Pulizija talbu lill-esponenti sabiex jipprezenta l-licenzji, bi ftehim mal-Pulizija huwa obbliga ruhu li jmur bihom l-ghada wara nofsinhar, kif fil-fatt ghamel.

Illi kieku l-esponenti kellu xi haga x'jahbi, certament li kien juri nuqqas ta' kooperazzjoni, izda dan ma kienx il-kaz, ghaliex ghamel dak li wieghed li se jaghmel.

Illi madankollu jidher illi dan il-pass swielu aghar, ghaliex dak in-nhar stess ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofs in-nhar [ossia meta l-hanut ikun maghluq] sakemm l-akkuzat kien qieghed fl-ghassa, l-istess ufficjali tal-Pulzija regghu marru ghall-spezzjoni ohra fil-bar in kwistjoni fejn sabu lill-bint l-akkuzat, li dak il-hin kienet qeghda mal-cleaner [ghax missiera mar l-ghassa]. Il-fatt li bint l-akkuza kienet qed tahsel u tistiva t-tazzi wara l-*bar* flimkien *mal-cleaner*, meta l-bar kien maghluq m'huwa l-ebda reat.

Illi dak il-hin lanqas kien hemm nies fil-hanut in kwistjoni, u ghaldaqstant certament illi Catherine Magro ma kinitx qeghda isservi.

Illi konsideranti l-fatt illi t-28 ta' April, 2011 inzerta li kien il-Hamis, u ossia gurnata fost il-gimgha, kif ukoll il-fatt illi l-hin kien is-14:30Hrs, u ossia hin li normalment il-*bars* ikunu vojta, stante li dawn it-tip ta' postijiet huma frekwentati l-aktar fil-ghaxija, ikompli jitfa' dawl fuq il-fatt li dak il-hin ma kienx hemm nies fil-post in kwistjoni.

Illi minghajr pregudizzju ghall-paragrafi precedenti, jirrizulta li minn meta l-esponenti beda jmexxi dan il-hanut, qatt u qatt ma kellu problemi ma' l-awtoritajiet, ghaliex hu dejjem ra li josserva r-regolamenti fis-sehh, u ghaldaqstant jekk ma jirrizultax ghas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti li l-esponenti mhuwiex hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih, il-fatt li dejjem kien rett fix-xoghol tieghu f'dan il-qasam, u li din tista' tkun l-ewwel darba li huwa kiser il-ligi, ghandu jigi mittiehed in konsiderazzjoni, u certament illi l-esponenti m'ghandux jitqies fl-istess keffa ma' persuni ohrajn li jiksru il-ligi f'iktar minn okkazjoni wahda.

(2) Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. Konsapevoli mill-insenjament ta' **Cesare Beccaria**:[1]
*"...che il fine delle pene non e di tormentare ed affiggere un essere sensibile, ne di disfare un delitto gia commesso...,"*
l-appellant jixtieq li bl-akbar umilta jissottometti li l-piena inflitta kienet eccessiva.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt li l-pulizija giet infurmata li kien hemm hafna storbju ta' muzika permezz ta' telefonata anonima. Izda meta marru fuq il-post semghu li fil-fatt kien hemm daqq ta' muzika minn barra l-istabiliment.

Illi hu fatt maghrufa li l-pulizija ghandhom l-obbligu li jsegwu kwalunkwe informazzjoni anki jekk tasal mod anonimu. Kieku marru fuq il-post u ma semghu xejn ebda passi ma kienu jittiehdu kontra l-appellant dwar id-daqq tal-muzika. Ghalhekk, hu car li fuq dan il-punt l-aggravju ma jistax jirnexxi.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda l-fatt li fis-2.30 p.m. il-hanut kien maghluq u Catherine Magro, bint l-appellant kienet qed tnaddaf il-hanut. Hawnhekk, ix-xhieda tal-pulizija thalli lok ghal dubju ragonevoli. Huma ma kienux f'pozizzjoni li jikkonfermaw jekk il-hanut hu regolarment maghluq wara nofs in-nhar o meno. L-appellant min-naha tieghu xehed li hu jiftah regolarment fis-6.00 p.m. u f'dak il-hin partikolari bintu kienet qed tahsel il-hanut biex ikun lest ghal fil-ghaxija. F'dan il-kaz u f'dawn ic-cirkostanzzi jqum dubju li ghandu jmur favur l-appellant. Ghalhekk, dan l-aggravju ghandu jigi milqugh.

[1] 'Dei Delitti e Delle Pene' Livorno, 1833, pp.59-60.

Illi l-appellant jikkontendi li l-piena erogata mill-ewwel Qorti hi eccessiva. L-ewwel Qorti applika multa wahda fil-minimu taghha u f'kazijiet bhala dawn setghet erogata multa hafna izjed gholja. Din il-Qorti min-naha taghha ftit tista' taghmel billi l-multa erogata hi wahda fil-minimu taghha.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet li l-appellant kien hati li Catherine Magro kienet qed taghmilha bhala substitute minghajr permess, jigifieri t-tielet akkuza u tehilsu minn kull htija u piena. Tikkonferma s-sentenza appellate dawr it-tieni u r-raba' akkuza u il-piena fil-kumplament.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------